



Kunsill Ewropew

Brussell, 31 ta' Lulju 2023
(OR. en)

EUCO 12/23

LIMITE

CO EUR 9
INF 167
API 124

NOTA

minn:	President tal-Kunsill Ewropew
lil:	Kunsill Ewropew
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	11539/23; 11543/23 Aċċess pubbliku għad-dokumenti - Applikazzjoni konfermatorja Nru 24/c/01/23

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż abbozz ta' tweġiba għall-applikazzjoni konfermatorja Nru 24/c/01/23, li ġie ċċirkolat lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Infommazzjoni (u approvat minnu) bħala d-dokument 11543/23.

Hu ssuġġerit li l-Kunsill Ewropew, permezz ta' proċedura bil-miktub:

- japprova l-abbozz ta' tweġiba kif jinsab fl-anness għal din in-Nota u
- jiddeċiedi li jipubblika r-risultati tal-vot, kif ukoll kwalunkwe dikjarazzjoni li ssir.

**TWEĠIBA GĦALL-APPLIKAZZJONI KONFERMATORJA 24/c/01/23,
magħmula permezz tal-posta elettronika fil-5 ta' Lulju 2023 u rreġistrata fl-istess jum**

Il-Kunsill Ewropew ikkunsidra din l-applikazzjoni konfermatorja skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145 tal-31.5.2001, p. 43) u l-Artikolu 10(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu (Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew Nru 2009/882/UE, ĠU L315, 2.12.2009, p. 51) li jagħmel l-Anness II għar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE, Ġurnal Uffiċjali L 325, 11.12.2009, p. 35) applikabbli *mutatis mutandis* u wasal għall-konklużjoni li ġejja:

1. Fit-23 ta' Mejju 2023, l-Applikant ippreżenta applikazzjoni inizjali lill-Kunsill Ewropew għal aċċess għad-dokumenti CM 6/21, CM 5237/21 u CM 4089/22. Dawn id-dokumenti infurmaw lid-delegazzjonijiet dwar l-eżitu tal-proċedura bil-miktub immedija għall-adozzjoni mill-Kunsill Ewropew tat-tweġibiet għal tliet applikazzjonijiet konfermatorji differenti.
2. Fil-5 ta' Lulju 2023, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill¹ wieġeb għal din l-applikazzjoni f'isem il-Kunsill Ewropew, fejn informa lill-Applikant li, fin-nuqqas ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 10(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew, ma kienx f'pożizzjoni li jagħti aċċess għad-dokumenti msemmija hawn fuq.
1. Fl-istess jum, l-Applikant ippreżenta applikazzjoni konfermatorja skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 kontra t-tweġiba msemmija hawn fuq tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

¹ Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, taħt l-awtorità tas-Segretarju Ġenerali tiegħu, jassisti lill-Kunsill Ewropew u lill-President tiegħu f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew.

2. Il-Kunsill Ewropew ikkunsidra bir-reqqa l-applikazzjoni konfermatorja u vvaluta t-talba għal aċċess b'konsiderazzjoni sħiħa tal-prinċipji sottostanti tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, inkluż l-għan li jiġi żgurat l-aċċess pubbliku l-aktar wiesa' possibbli għad-dokumenti.
3. B'riżultat ta' dan, kien possibbli li jiġi ddeterminat li l-kontenut tad-dokumenti CM 6/21, CM 5237/21 u CM 4089/22 jista' jiġi żvelat b'mod sħiħ.

KONKLUŻJONI

7. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill Ewropew jiddeċiedi li jagħti aċċess sħiħ għad-dokumenti CM 6/21, CM 5237/21 u CM 4089/22.
-